**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**

CHAIRPERSON

Rikors Nru: 1002/2021 LC

**MARIA STAGNO NAVARRA (K.I. 540739M)**

**JOSEPH DEPASQUALE (K.I. 739140M)**

(li miet fis-7 ta' Frar 2022 u li b'digriet datat it-30 ta' Mejju 2022 l-atti fir-rigward ta' Joseph Depasquale ġew leġittimati f'isem **ANTOINETTE DEPASQUALE (K.I. 385943M), IVAN DEPASQUALE (K.I. 288167M)** u **LENNART DEPASQUALE (K.I. 271871M)**)

**ONOR. IMĦALLEF ANTON DEPASQUALE BA. LL.D. (K.I.76742M)**

**DR GEORGE DEPASQUALE MD (K.I. 103644M)**

**JOHN SIVE GIOVANNI DEPASQUALE (K.I. 490446M)**

**CARMEL DEPASQUALE (K.I. 742147M)**

**PAUL DEPASQUALE (K.I. 734549M)**

**GEMMA DEPASQUALE (K.I. 567351M)**

*VS*

**ALFRED PACE (K.I. 348138M) U**

**LUDGARDA PACE (K.I. 419139)**

**U**

**L-AWTORITÀ TAD-DJAR**

*(għal kull interess li jista' jkollha u bħala amicus Curiae)*

**Illum, 14 ta' Ottubru 2022**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Maria Stagno Navarra, Joseph Depasquale, Onor. Imħallef Anton Depasquale BA. LL.D., Dr George Depasquale MD, John sive Giovanni Depasquale, Carmel Depasquale, Paul Depasquale u Gemma Depasquale datat l-10 ta' Diċembru 2021 fejn, għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Jordna li jitwettaq it-test relattiv tal-mezzi tal-intimati inkwilini, sabiex jistabbilixxi jekk l-intimati inkwilini jgħaddux jew le mit-test relattiv tal-mezzi;

II. F'każ negattiv, u ċioè li ma jgħaddux minn tali test, allura jagħti dawk l-ordnijiet neċessarji w opportuni, inkluż ai termini tal-artikolu 4A(4) tal-imsemmi Att XXIV tal-2021, u konsegwentement jordna l-iżgumbrament tal-intimati inkwilini mill-imsemmi fond wara li jagħti lill-intimati inkwilini perjodu qasir u perentorju ta' mhux aktar minn sentejn għal dan l-iskop u wara li jistabbilixxi l-kumpens xieraq pagabbli mill-intimati lir-rikorrenti għal dan il-perjodu;

III. F'każ li, mill-banda l-oħra, fattwalment l-inkwilini intimati jissodisfaw il-kriterju tad-dħul u tal-kapital kif stipulat fl-imsemmi Att jew kwalsiasi regolament relattiv li jista' jemendah minn żmien għal  żmien, allura l-Bord jogħġbu jiffissa l-kera xieraq fid-dawl ta' dak ipprovdut mill-artikolu 4A(2) tal-istess Att, billi jiġi l-ewwelnett stabbilit il-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-imsemmi

fond, okkorrendo permezz tal-ħatra ta' periti appożiti mill-Bord, sabiex sussegwentement jirrevedu u jistabbilixxu l-kera xierqa li ma jeċċedix it-tnejn fil-mija (2%) fis-sena tal-valur tal-fond stmat abbażi tal-valur tal-1 ta' Jannar 2021, pagabbli mill-intimati inkwilini lir-rikorrenti; u

IV. Jordna li tali żieda fil-kera tkun applikabbli mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors skond dak provdut fl-artikolu 4(A)[6] tal-Ordinanza li tirregola it-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini;

V. Jistabbilixxi ċirkostanzi fattwali u kondizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kirja, b'mod partikolari li ħadd, l-anqas membri familjari tagħhom, jgħixu magħhom u li konsegwentement, ma hemm ħadd li, potenzjalment, jista' jkompli l-kirja relattiva wara li jiġu nieqsa l-intimati, u

VI. B'riżerva li, jekk ikun il-każ, l-istess rikorrenti jkunu jistgħu jitolbu kwalsiasi awment ieħor fir-rata tal-kera u/jew kwalsiasi tibdil ieħor fil-kondizzjonijiet li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn il-partijiet, li jkunu lilhom permessi skont il-liġi – kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

B'riżerva ta' kwalsiasi dritt ieħor spettanti lir-rikorrenti u bl-ispejjeż kollha kontra l-intimati, jew min minnhom, u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subbizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess rikors promotur.

Ra r-risposta tal-intimati datata l-25 ta' Frar 2022 fejn sommarjament eċċepew li (i) r-rikorrenti jikkonfermaw li huma

jirrisjedu fil-fond *de quo* b'titolu ta' kera; (ii) huma dejjem wettqu l-obbligi tagħhom u ħallsu l-kera; (iii) huma għandhom mezzi limitati ħafna (iv) fid-deliberazzjonijet tiegħu, il-Bord għandu jieħu konsiderazzjoni tad-dħul baxx u limitat tal-intimati (v) il-Bord għandu jasal għad-deċiżjoni tiegħu mingħajr ma jordna l-iżgumbrament tal-intimati;

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar datata l-11 ta' Frar 2022, fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) l-atturi għandhom jipprovaw t-titolu tagħhom u li huma waħedhom is-sidien uniċi tal-fond; (ii) l-atturi għandhom jipproduċu u jesebixxi l-*causa mortis* tad-defunta Maria Grazia Depasquale (iii) il-Bord għandu jikkostata jekk l-Att XXIV tal-2021 huwiex applikabbli għall-każ odjern, (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti u (v) f'każ li l-inkwilina tissodisfa t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tat-13 ta' Jannar, 2022, l-intimati wettqu t-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Elena Borg Costanzi u l-Perit David Pace ppreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra ir-rikors ta' Antoinette Depasquale, Ivan Depasquale u Lennart Depasquale datat it-28 ta' April 2022 fejn talbu li l-atti jiġu leġittimati f'isimhom stante l-mewt ta' Joseph Depaqsuale waqt il-mori tal-proċeduri;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qiegħdha ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sidien tal-kera jadixxu lil dan il-Bord u jitolbu żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidra;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimati humiex l-inkwilini ta' dan l-istess fond.

Illi r-rikorrenti huma lkoll aħwa ulied il-mejtin Grazia u Edgardo Depaqsuale. Illi permezz tal-Att ta' Diviżjoni ppublikat min-Nutar Dottor Joseph Agius nhar il-11 ta' Frar 1960[1] ir-rikorrenti, flimkien ma ħuhom il-Monsinjur Isqof Annetto Depasquale u ommhom Grazia Depasquale akkwistaw il-fond *de quo*, li preċedentement kien iġib in-numru 307. Illi l-imsemmija Grazia Depasquale ġiet nieqsa fil-25 ta' Novembru 1989 u permezz tad-denunzja relattiva,[2] sehemha mill-imsemmija propjetà iddevolva fuq uliedha. Illi l-Monsinjur Isqof Annetto Depasquale ġie nieqes fid-29 ta' Novembru 2011 u permezz tad-dikkjarazzjoni *causa mortis* ippublikata min-Nutar Dottor Christine Abela nhar it-28 ta' Marzu 2012,[3] sehemu minn din il-propjetà ddevolva fuq ħutu r-rikorrenti.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b'xi mod tinnega dan l-istat ta' fatt ikkreat mill-Atti Pubbliċi appena msemmija u b'hekk il-

---

[1] Ara Dok "D1" a fol. 5 tal-atti proċesswali.
[2] Ara Dok "D2" a fol 25 tal-atti proċesswali.
[3] Ara Dok "D3" a fol. 37 tal-atti proċesswali.

Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma effettivament s-sidien tal-kera tal-propjetà *de quo*.

Ikkonsidra;

Illi fir-rikors promotur, ir-rikorrenti jistqarru illi dan l-imsemmi fond ilu mikri lill-intimati u lill-axxendenti ta' Alfred Pace għal ftit aktar minn sebgħin sena. Filfatt jirriżulta mid-dikjarazzjoni tal-perit Albert Fenech datata s-6 ta' Ġunju 1990 u annessa mad-denunzja ta' Grazia Depasquale[4] illi l-fond *de quo* huma mikrija lil terzi għall-kera ta' LM35 fis-sena. Illi minn naħa l-oħra kemm ir-rikorrenti Carmel Depasquale fl-affidavti tiegħu[5] kif ukoll l-intimat Alfred Pace u l-intimata Ludgarda Pace fl-affidavits tagħhom[6] jikkonfermaw illi l-intimati huma l-inkwilini tal-fond *de quo*.

Illi fuq l-iskorta ta' dawn il-provi, il-Bord huwa sodisfatt li l-intimati Alfred u Ludgarda Pace huma effettivament l-inkwilini tal-fond *de quo.*

Ikkonsidra;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimati Alfred Pace u Ludgarda Pace kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(a), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(7) tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimati, kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

[4] A fol 27 tal-atti proċesswali.
[5] A fol. 44 tal-Atti proċesswali.
[6] A fol. 75 u 76 rispettivament tal-atti proċesswali.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimati Alfred Pace u Ludgarda Pace ma jeċċedux il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement jissodisfaw il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A(5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A(4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-propjetà in kwistjoni hija dar antika mifruxa fuq żewġ sulari. Il-fond huwa miżmum b'mod sodisfaċenti. L-istruttura hi komposta minn ħitan ħoxnin tal-franka, travi tal-injam u xorok. Il-fond huwa soġġett għall-servitù ta' tieqa u ventilaturi mill-fond aġġjaċenti.

Illi l-periti tal-Bord, abbażi tar-rapport tagħhom u wara li kkonsidraw il-lok, il-posizzjoni u l-kondizzjoni tal-post jistmaw il-valur tal-propjetà, liberu u frank, fuq is-suq miftuħ fl-ammont ta' mitejn u sbatax-il elf ewro (€217,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejħ dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza**

**Vincenza sive Lora Zarb**[7]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, kif ukoll tal-mezzi tal-intimata, l-età tagħha u l-kapital tagħha il-Bord jemmen li l-awment għandu jkun fl-ammont ta' 1.8% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' tlett elef, disgħa mija u sitt Ewro (€3,906) fis-sena.

Ikkonsidra;

Illi fir-raba' talba tagħhom, ir-rikorrenti jitlobu illi l-awment tal-kera jsir b'effett mid-data tal-preżentata ta' dan ir-rikors skond dak provdut fl-artikolu 4(A)[6] [recte: 4A(6)] tal-Ordinanza li tirregola it-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini.

F'din it-talba, ir-rikorrenti qegħdin jitolbu illi l-kera tiġi awmentata *pendenti lite* dawn il-proċeduri. Illi tenut kont taż-żmien relattivament qasir li ħadu l-preżenti proċeduri kif ukoll tal-fatt li ma saret ebda sottomissjoni waqt il-pendenza tas-smiegħ, fir-rigward ta tali żieda,

[7] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

il-Bord qiegħed jiċħad din it-talba. Di più, il-Bord ma jarax raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 256 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta b'dan illi l-awment hawn orndat għandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza odjerna.

Ikkonsidra;

Illi fir-rigward tal-ħames talba attriċi, ma tressqet ebda prova quddiem dan il-Bord li tindika jekk hemmx membri familjari jew terzi persuni oħra li jirrisjedu mal-intimati f'dan l-istess fond. Lanqas ma tressqet xi prova jew sottomissjoni li timmilita a favur ta' xi bdil fiċ-ċirkostanzi fattwali jew il-kondizzjonijiet tal-kirja *de quo.*

B'hekk, il-Bord qiegħed jiċħad din it-talba;

Ikkonsidra;

Fir-rigward tas-sitt talba attriċi, m'huwiex ċar x'qiegħed jintalab mir-rikorrenti u għaldaqstant il-Bord qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess filwaqt li jirrileva li l-proviso tal-artikolu 4A(7) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta jirregola l-materja tal-awment fil-kera.

**Deċide:**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba stante illi t-test tal-mezzi twettaq waqt l-andament tal-proċeduri odjerni.

2. Jiċħad it-tieni talba stante illi l-intimati jissodisfaw it-test tal-mezzi.

3. Jilqa' t-tielet talba u jordna illi l-kera tal-fond 306, Main Street, Qormi għandha tiġi riveduta għall-ammont ta' 1.8% tal-valur tal-fond fis-suq miftuħ fl-1 ta' Jannar 2021 u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimati Alfred Pace u Ludgarda Pace għall-ammont ta' tlett elef, disgħa mija u sitt Ewro (€3,906) fis-sena u jordna lill-istess intimati jħallsu lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b'effett mil-lum, bħala d-data tas-sentenza.

4. Jiċħad ir-raba' u l-ħames talbiet għar-raġunijiet espressi f'din is-sentenza;

5. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni tas-sitt talba;

6. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjez tagħha ta' dawn il-proċeduri.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**